# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar It-Tnejn, 21 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 12**

**Rikors numru 96/22/1**

**Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala)**

**v.**

**Patrick Pace**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Avukat Ġenerali, l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija u ieħor imressaq minn Patrick Pace, minn sentenza mogħtija fil-31 ta' Jannar 2023 wara referenza kostituzzjonali mitluba minn Patrick Pace, li permezz tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), iddikjarat illi d-dritt fundamentali ta'

Pace għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni qiegħed jiġi miksur.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. L-appellat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja nhar is-17 ta' Novembru 2015, akkużat talli fix-xahar ta' Awwissu 2015, flimkien ma' oħrjan, irrenda lilu nnifsu kompliċi ta' serq ta' sigaretti mill-*Freeport* u delitti oħrajn fosthom frodi;

3. Jirriżulta illi fuq medda ta' snin telgħu jixhdu madwar erbgħin (40) persuna bħala parti mill-provi tal-prosekuzzjoni;

4. Fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2021, il-prosekuzzjoni infurmat lil Qorti illi huma kienu ser jinsistu fuq ix-xhieda ta' ċertu Roderick Borg. Id-difiża irrilevat illi x-xhud Roderick Borg huwa inammissibbli għaliex allegatament huwa ko-awtur/kompliċi, b'dana illi l-Avukat Ġenerali għandu għalhekk joħroġ l-Artikoli u jiddikjara illi ma għandux iżjed provi xi jressaq sabiex ma jkomplix jikkawża leżjoni tad-dritt lill-imputat minħabba dewmien esaġerat dovut biss lill-Avukat Ġenerali.

5. Min-naħa tagħha l-prosekuzzjoni irrilevat illi hija sejra tistenna għax-xhud Roderick Borg għaliex l-imsemmi Borg huwa xhud ewlieni u l-proċeduri kontra Borg waslu fi stadju ta' għeluq provi difiża.

6. Illi sussegwentement fit-3 ta' Novembru 2022, id-difiża infurmat lill-Qorti illi sejra tressaq talba għal referenza kostituzzjonali.

7. Il-Qorti Istruttorja b'digriet tas-17 ta' Novembru 2021 iddikjarat li l-kwistjoni mqajma mhix waħda ta' natura frivola u vessatorja u għaddiet sabiex tagħmel ir-referenza kostituzzjonali lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha.

8. Fis-17 ta' Novembru 2023 stess, saret ir-referenza kostituzzjonali mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn talbet lil Prim'Awla tistħarreġ il-kwestjoni kostituzzjonali mqajma mill-intimat Patrick Pace bir-rikors tal-4 ta' Novembru 2021.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

9. Illi permezz ta' rikors intavolat nhar l-4 ta' Novembru 2021 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, Patrick Pace talab lill-imsemmija Qorti tagħmel referenza sabiex jiġi determinat jekk l-imsemmi

Pace huwiex isofri minn leżjoni ta' dritt kostituzzjonali tiegħu minħabba dewmien esaġerat f'dawn il-proċeduri u għalhekk mhux jingħata smigħ xieraq skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem.

10. Permezz ta' risposta datata 9 ta' Novembru 2021 l-Avukat Ġenerali ippremetta illi l-argumenti ta' Pace f'dan ir-rigward mhuma xejn għajr tentattiv frivolu u vessatorju sabiex jitwalu l-proċeduri u biex min ammetta a *tempo vergine* ma jixhidx fil-każ odjern. Illi *di più*, l-Avukat Ġenerali dejjem jista' jinsisti fuq ix-xhieda illi huwa obbligat jitlob illi jitressqu quddiem il-Qorti u dana *stante* li l-Avukat Ġenerali huwa obbligat li jressaq l-aħjar prova u dana sabiex issir ġustizzja ma' kullħadd. Jinsisti illi x-xhieda ta' Roderick Borg hija waħda vitali u importanti. Iżid illi t-talba għal referenza kostituzzjonali hija intempestiva u prematura.

11. B'digriet datat 17 ta' Novembru 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, laqgħet it-talba ta' Pace u rreferiet il-każ lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) biex dik il-Qorti tiddetermina jekk il-fatt illi l-proċeduri odjerni qed jitwalu minħabba li x-xhud Roderick Borg ma jistax jiġi nġunt bħala xhud mill-Prosekuzzjoni, *stante* proċeduri penali pendenti fil-konfront tiegħu; u konsegwentement l-Avukat Ġenerali ma jistax joħroġ l-att ta' akkuża jew jibgħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali *ai termini* tal-Artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod li l-

proċeduri odjerni ma jistgħux jitkomplew, jilledix id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

12. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali preżentaw risposta konġunta għar-referenza kostituzzjonali u affermaw illi m'hemm l-ebda limitu ta' żmien *entro* liema l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għaliex altrimenti l-interess tal-ġudizzju jiġi preġudikat minħabba għaġġla żejda. Żiedu illi sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġonevoli kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu u fil-kumplessità tiegħu. Jaffermaw illi l-investigazzjoni mill-Pulizija kienet waħda kumplessa u li kienu jirrikjedu numru kbir ta' xhieda u li l-Prosekuzzjoni qiegħda fl-impossibilità legali li teżiġi li x-xhud in kwistjoni jixhed fi proċeduri kriminali kontra terza persuna li qiegħda taffaċja proċeduri kriminali. Illi ukoll il-proċeduri fil-konfront tal-imsemmi xhud, kellhom jitwaqqfu minħabba li ġie intavolat ilment kostituzzjonali. Għalhekk jemmnu illi dan kollu mhuwa xejn ħlief manuvra sabiex jitwalu l-proċeduri penali fil-konfront tagħhom.

13. Fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2022, xehed quddiem l-Ewwel Qorti l-Ispettur Rennie Stivala.

14. B’sentenza tal-31 ta’ Jannar 2023, l-Ewwel Qorti, wieġbet għall-kwistjoni riferita lilha bid-digriet tas-17 ta’ Novembru 2021, billi iddikjarat illi bl-aġir tagħhom il-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali qegħdin jiksru d-dritt fundamentali ta’ Patrick Pace għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli protett bl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem liema leżjoni ta’ dritt fundamentali ser jibqa’ jippersisti jekk il-Prosekuzzjoni ma tagħlaqx il-provi. *Di piu’* l-Ewwel Qorti pprefiġġiet terminu ta’ erba’ xhur *entro* liema il-Prosekuzzjoni għandha tagħlaq il-provi tagħha quddiem il-Qorti Referenti fil-kumpilazzjoni kontra Patrick Pace, u ordnat illi dan il-provvediment flimkien mal-atti jiġu rimessi lill-Qorti Referenti sabiex tkompli tisma’ l-kumpilazzjoni.

**C. L-Appell:**

15. Il-partijiet ħassewhom aggravati minn dan il-provvediment. L-Avukat Ġenerali, l-Avukat tal-Istat, u l-Kummissarju tal-Pulizija intavolaw appell nhar id-9 ta’ Frar 2023, u talbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti u minflok tiddeċiedi illi ma kien hemm l-ebda leżjoni kif mitluba mill-appellat bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra l-appellat; u alternattivament jekk ma tħassarx is-sentenza fl-intier tagħha, tvarjaha billi tirrevokaha fil-parti fejn ordnat il-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha fiż-żmien erba’ (4) xhur.

16. Patrick Pace ukoll intavola appell nhar l-20 ta' Frar 2023 u talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tħassarha u tirrevokaha limitatament f'dik il-parti fejn ipprefeġġiet terminu ta' erba' xhur lill-Pulizija biex jagħlqu l-provi tagħhom quddiem il-Qorti Referenti fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet *il-Pulizija v. Patrick Pace,* u minflok tiddikjara u tordna magħluq l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Avukat Ġenerali.

17. Permezz ta' risposta datata 1 ta' Marzu 2023, l-Avukat Ġenerali, l-Avukat tal-Istat, u l-Kummissarju tal-Pulizija, b'referenza għall-appell intavolat minn Patrick Pace, sostnew illi l-appell huwa tardiv *stante* li ġie intavolat *oltre* ż-żmien ta' tmint (8) ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni appellata u dan *ai termini* tal-*proviso* għar-regolament 4(2) tal-Liġi Sussidjarja 12.09. Jaffermaw illi l-aħħar ġurnata utli meta dan l-appell seta' ġie intavolat korretament kien l-10 ta' Frar 2023.

18. Mill-atti ma jirriżultax illi Patrick Pace intavola risposta għar-rikors tal-appell intavolat mill-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija.

*L-Appell intavolat minn Patrick Pace u l-Eċċezzjoni tan-Nullità tal-imsemmi Appell*

19. Il-Qorti ser tindirizza l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell sollevata mill-Avukat Ġenerali, l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija u dan abbazi tar-regolament 4(2) tal-Liġi Sussidjarja 12.09 Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni.

20. Regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 jipprovdi kif segwenti:

> *"(2) Ir-rikors ta' l-appell għandu jsir fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni appellata, u l-appellat jista' jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika. Iżda meta l-appell isir minn deċiżjoni mogħtija wara referenza magħmula skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, dan l-appell għandu jsir fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni appellata."*

21. Minn eżami tal-atti jirriżulta illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha tat is-sentenza in kwistjoni nhar il-31 ta' Jannar 2023. Sussegwentement, l-Avukat Ġenerali, L-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija intavolaw ir-rikors tal-appell tagħhom fid-9 ta' Frar 2023, mentri Patrick Pace intavola l-appell tiegħu fl-20 ta' Frar 2023. L-appell kellu jiġi ppreżentat sal-10 ta' Frar 2023 imma billi hi festa pubblika l-ewwel data tax-xogħol hi t-13 ta' Frar 2023.

22. Jidher għalhekk illi l-appell intavolat minn Patrick Pace sar *fuori termine* u għal dawn il-motivi l-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

*L-Appell intavolat mill-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissjaru tal-Pulizija*

*L-Ewwel Aggravju:*

23. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti kienet proċeduralment żbaljata meta wessgħat it-termini tar-referenza kostituzzjonali, u ġjaladarba Patrick Pace talab biss jekk kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq għad-dewmien sabiex tressaq Roderick Borg bħala xhud, l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tanalizza effettivament meta bdiet il-kawża fl-istruttorja. Illi dan wassal biex id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-referenza odjerna hija waħda extra petita.

24. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet in materja:

> *"Tajjeb jiġi hawn puntwalizzat illi t-termini tar-referenza jirreferu limitatament għar-rigward tad-dewmien sabiex il-Prosekuzzjoni tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja it testimonjanza tax-xhud Roderick Borg, persuna akkużata b'reat konness intrisikament mal-każ ta' Pace, u mhux it-tul li qiegħda tieħu l-kumpilazzjoni tax-xhieda fl-intier tagħha. Dan magħdud pero' l-Qorti tagħmel referenza għal dak miżmum mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Il-Pulizija v.. Silvio Zammit mogħtija fit-13 ta' Lulju 2018 fejn ingħad li:*

*"18. [...] huwa korrett l-appellant [l-Avukat Ġenerali] fl-ewwel aspett tat-tieni aggravju tieghu, fejn sahaq li l-istharrig tal-ezistenza tal-ksur o meno tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli ghar-raguni specifikata fir-referenza, jirrikjedi stharrig li mhux limitat ghad dewmien arrekat mill-episodju mertu tar-referenza, ċjoè id-dewmien biex titressaq ix-xhud Inge Delfosse, izda stharrig tac-cirkostanzi kollha tal-process tal-kumpilazzjoni tax-xhieda. Din il-Qorti zzid tghid li l evalwazzjoni tal-effett kumulattiv tad-dewmien generali fil-proceduri quddiem il-Qorti riferenti huwa ezercizzju necessarjament preordinat ghad-determinazzjoni tal-kwezit mertu tar-referenza odjerna, ċjoè jekk id-dewmien biex titressaq l-ahhar xhud li qed tirrifjuta li tixhed, jilledix id-dritt tar-rikorrent sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lArtikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.*

*19. Huwa manifest li fil-qafas ta' allegazzjoni dwar il-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, id-determinazzjoni dwar jekk hemmx dewmien irragonevoli fil-proceduri b'mod komplessiv, tincidi sostanzjalment fuq il-qies tad-dewmien fil-produzzjoni ta' xhud partikolari. Il-Qorti tqis li huwa inkoncepibbli li l-element tad-dewmien ghall-finijiet tal-jedd fondamentali in dizamina jigi spezzettat f'episodji individwali tal-process billi wiehed janalizza l-element tad-dewmien biss mill-ottika tal-produzzjoni tax-xhud in kwistjoni, multo magis meta din hija l-ahhar xhud li jonqos li tressaq il-prosekuzzjoni.*

*20. Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm it-talba fir-referenza hija indirizzata limitatament lejn il-ksur tad-drittijiet fondamentali tarrikorrent minhabba d-dewmien fil-produzzjoni tal-ahhar xhud talprosekuzzjoni b'rizultat li l-proceduri ma jistghux jintemmu, huwa inevitabbli li l-ksur lamentat, specifiku kemm hu specifiku, jista' jigi mistharreg b'mod siewi ghall-finijiet tat-twegiba li trid taghti l-qorti, biss jekk jigi meqjus ukoll l-isfond tal-proceduri kollha kompjuti s'issa jew talanqas sal-mument meta jitqanqal l-ilment relattiv. Wara kollox, "iz-zmien" ghall-fini li jigi stabbilit hemmx dewmien leziv ghad-dritt tas-smigh xieraq, jibda jghaddi f'kull kaz minn meta l-persuna jigi akkuzat b'reat kriminali jew, fit-termini iktar wiesa' tal-Konvenzjoni, meta l-persuna tigi arrestata jew investigata in konnessjoni ma' xi reat kriminali"*

*Kif rajna iż-żmien raġonevoli jibda jiddekorri mill-mument li persuna ġiet informata li hemm akkuża kriminali kontra tagħha sal-mument li jkun hemm deċiżjoni finali. Il-ġurisprudenza l-aktar reċenti fir-rigward trid illi anke meta l-ilment kostituzzjonali jew ir-referenza kostituzzjonali tirreferi għal parti jew episodju biss mill-proċess ġudizzjarju, għandu jsir stħarriġ taċċirkostanzi kollha tal-proċess tal-kumpilazzjoni sabiex issir evalwazzjoni tal-effett kumulattiv tad-dewmien ġenerali fil-proċeduri quddiem il-Qorti Referenti."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

25. L-ewwel aggravju tal-appellanti jolqot aspett proċedurali li din il-Qorti diġà trattat diversi drabi. In linea ġenerali għandu jiġi senjalat illi l-funzjoni ewlenija tal-Ewwel Qorti f'ċirkostanzi bħal dawk odjerni, hija li tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Qorti Referenti, *entro* l-parametri stabbiliti mir-referenza stess. Illi fil-fatt, l-Ewwel Qorti mhix neċessarjament marbuta illi tagħti rimedju. Dan kollu jirriżulta ukoll mid-dettami tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi illi:

> *"(3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni."*

26. L-istess jipprovdi l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet: ***Il-Pulizija v. Nelson Arias*** mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Settembru 2012 ġie ritenut illi:

> *"this Court points out that as a rule whenever a constitutional reference is made to the First Hall Civil Court under Article 46(3) of the Constitution that Court's function is circumscribed by the terms of the reference made to it and that Court is required to limit itself to giving its replies to the questions referred to it by the referring Court.*

27. Illi l-istess linja ta' ħsieb ġiet ukoll addottata fis-sentenza fl-ismijiet***:*** ***Ir-Repubbika v. Matthew-John Migneco,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Novembru 2011 u iktar reċentement fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Lawrence Attard*** deċiża minn din il-Qorti fit-13 ta' Lulju 2020 fejn ingħad ulterjorment illi:

> *"13. L-għan wara ordni ta' referenza mhuwiex sabiex il-persuna tingħata rimedju li jikkonsisti f'kumpens pekunjarju jew non-pekunjarju, iżda sabiex tingħata tweġiba għal kwistjoni dwar ksur ta' drittijiet fundamentali li tkun qamet quddiem Qorti li mhijiex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew Qorti Kostituzzjonali. Tant hu hekk li d-dispozizzjoni kemm fil-Kostituzzjoni u wkoll fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) jipprovdu li "..... il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni"."*

28. Filwaqt illi din il-Qorti tirritjeni illi dan għandu dejjem jibqa' l-punt tat-tluq, min-naħa l-oħra però, il-ġurisprudenza aktar reċenti hi fis-sens li għalkemm:

> *"…..f'talba għal riferenza l-kompitu ta' qorti munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali huwa biss biex twieġeb id-domanda magħmula mill-qorti riferenti, <u>iżda dan ma jfissirx li din il-Qorti ma tistax tagħmel kull osservazzjoni oħra li jidhrilha relevanti għal risposta sħiħa għad domanda magħmula."</u>[1] (Sottolinear ta' din il-Qorti.)*

29. Din il-Qorti kienet ċara fil-pronunzjament tagħha fis-sentenza fl-ismijiet: Il-***Pulizija v. Tarcisjo Mifsud***[2]:

> ***"Mgħandux ikun li referenza kostituzzjonali tissarraf biss f'eżerċizzju purament akkademiku. Lanqas ma huwa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja li minħabba raġunijiet purament proċedurali, imputat li diġa` qiegħed isofri leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jispiċċa jkollu jagħmel proċeduri***

[1] Il-Pulizija vs Philip Borg, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonhali nhar it-13 ta' Frar 2017.
[2] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-1 ta' Diċembru 2021.

> ***oħra sabiex jingħata rimedju effettiv għall-ksur tad-drittijiet tiegħu."***

30. Il-Qorti tinnota illi l-Ewwel Qorti bħal donnu antiċipat l-aggravji avvanzati mill-appellanti. Filfatt minn analiżi tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, jirriżulta b'mod pależi illi l-Ewwel Qorti, għamlet approfondiment li jmur *oltre* t-termini tar-referenza, *stante* li din tal-aħħar kienet tirreferi limitatament għar-rigward id-dewmien da parti tal-prosekuzzjoni li tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja lix-xhud Roderick Borg, kif wara kollox dikjarat minnha stess. Fil-fatt fl-istħarriġ tagħha l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament li ma kienx wieħed limitat għad-dewmien arrekat mill-episodju mertu tar-referenza, iżda stħarriġ taċ-ċirkostanzi kollha tal-kumpilazzjoni. Jirriżulta ukoll illi l-Ewwel Qorti indirizzat b'reqqa il-kriterji kollha relevanti fil-qies tad-dewmien; il-kumplessità tal-każ, l-imġieba proċesswali taż-żewg partjiet u anke s-setgħat tal-Qorti Istruttorja u kien proprju wara li qieset dawn il-fatturi kollha li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni minnha raġġunta.

31. In sostenn tal-pożizzjoni adottata minnha, l-Ewwel Qorti ċċitat mis-sentenza fl-ismijiet: ***Pulizija v. Silvio Zammit*** deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta. Il-Qorti tabbraċċja dak rilevat f'dik is-sentenza u tapplikah għall-każ odjern:

> *"Fil-kaz odjern, ikkonsidrat fid-dawl tal-principji guridici fuq esposti, din il-Qorti ma taqbilx mal-intimat appellat li l-Ewwel Qorti marret extra petita meta osservat li l-lezjoni tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq tar-rikorrent ser tibqa' t-tul fiz-zmien jekk ma jittiehdux*

> *provvedimenti mirati ghat-twaqqif ta' dik il-lezjoni. L-Ewwel Qorti kellha d-dmir li taghmel dawk l-osservazzjonijiet u anke taghti rimedji opportuni sabiex il-lezjoni riskontrata ma tibqax fis-sehh."*

32. Kif ribadit minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza ***il-Pulizija v. Silvio Zammit*** l-evalwazzjoni tal-effett kumulattiv tad-dewmien ġenerali fil-proċeduri quddiem il-Qorti riferenti huwa eżerċizzju neċessarjament preordinat għad-determinazzjoni tal-kweżit mertu tar-referenza odjerna, ċjoè jekk id-dewmien biex jitressaq l-aħħar xhud jilledix id-dritt tar-rikorrent sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u għalhekk tali evalwazzjoni kien kompitu li l-Ewwel Qorti ġustament kellha tagħmel.

33. Kif ritenut minn din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha tat-13 ta' Lulju 2018 ***f'Silvio Zammit*** huwa ormai manifest li fil-qafas ta' allegazzjoni dwar il-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, id-determinazzjoni dwar jekk effettivament hemmx dewmien irraġonevoli fil-komplessità tal-proċeduri, tinċidi sostanzjalment fuq il-qies tad-dewmien fil-produzzjoni ta' xhud partikolari, u m'għandux ikun illi l-element tad-dewmien għall-finijiet tal-jedd fondamentali li qed jiġi eżaminat jiġi spezzettat f'episodji individwali tal-proċess billi l-element tad-dewmien ikun analizzat biss mill-ottika tal-produzzjoni tax-xhud in kwistjoni, *multo magis* meta dan huwa l-aħħar xhud li jonqos li tressaq il-prosekuzzjoni. Għalhekk l-ilment ta' Pace jista' jiġi mistħarreġ b'mod siewi partikolarment għall-finijiet tat-tweġiba li trid tagħti l-Qorti, biss jekk jiġi meqjus ukoll l-isfond tal-proċeduri

kollha kompjuti s'issa jew tal-anqas sal-mument meta jitqanqal l-ilment relattiv.

34. Il-Qorti kienet korretta meta qieset l-iter kollu tal-proċeduri tal-kumpilazzjoni fid-determinazzjoni tal-ilment dwar id-dewmien irraġonevoli anke jekk l-ilment huwa limitat għad-dewmien biex jitressaq ix-xhud Roderick Borg.

35. Fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi suesposti, il-Qorti tqis illi dana l-aggravju mhuwiex ġustifikat u qed jiġi miċħud.

*It-Tieni Aggravju:*

36. Permezz ta' dan l-aggravju, l-appellanti jgħidu illi l-Ewwel Qorti fil-provvediment tagħha ma ppronunzjatx ruħha biss dwar ir-referenza kostituzzjonali iżda tat rimedju speċifiku, rimedju li fil-fehma tal-appellanti huwa wieħed drastiku u irraġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Jargumentaw illi l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel distinzjoni bejn kawża kostituzzjonali u referenza kostituzzjonali, u kellha biss tissofferma u tillimita ruħha biss dwar jekk hemmx vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq u mhux tagħti forma ta' rimedju.

37. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Din il-Qorti wara li eżaminat l-atti kollha relatati mar-referenza kostituzzjonali tasal għall-konklużżjoni illi bl-aġir tal-Prosekuzzjoni u tal-Avukat Ġenerali fil-kumpilazzjoni pendenti fl-ismijiet Il-Pulizija v. Patrick Pace qiegħed jiġi leż id-dritt tal-akkużat Patrick Pace għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, liema leżjoni ser tibqa' tippersisti sakemm il-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha.*
>
> *Omissis*
>
> *Din il-Qorti tabbraċja l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fuq ċitat u għalhekk sejra mhux biss tiddikjara li qed isseħħ leżjoni tad-dritt fundamentali tal-akkużat imma sejra wkoll tagħti ordni sabiex l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni jiġi fi tmiemu fi żmien erba' xhur mil-lum."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

38. Il-Qorti tagħraf illi dana l-aggravju huwa intrinsikament konness mal-ewwel aggravju. Huwa ċar illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha laqgħet ukoll għal dan l-argument kif promoss mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom. Fil-fatt, l-Ewwel Qorti ċitat konsiderevolment minn sentenza ta' din il-Qorti, li diġa' sar aċċenn għaliha sopra, u ċioe ***il-Pulizija v. Tarcisju Mifsud*** fejn l-Ewwel Qorti bħal ma għamlet l-Ewwel Qorti fil-każ odjern, wara li sabet ksur tal-jedd tal-akkużat fil-kumpilazzjoni pendenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, imponiet terminu ta' erba' xhur sabiex il-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri tagħlaq il-provi tagħha. F'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali wara appell mill-Avukat Ġenerali tenniet illi:

> *"Fil-prattika għalhekk, jekk din il-Qorti tirrinvija l-atti lill-Qorti referenti b'sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur u ma jkun hemm l-ebda ordni oħra, kif fir-realta` qiegħda titlob li jsir mill-Avukat Ġenerali, dan ikun ifisser:*

> *17.1. Illi r-referenza kostituzzjonali li ilha pendenti tliet snin, u li matulhom il-Qorti riferenti għażlet li tissoprassjedi, mhux ser tindirizza l-ksur b'mod effettiv; u*
>
> *17.2. Illi sabiex l-appellat jottjeni xi forma ta' rimedju xieraq għall-ksur sejjer ifisser iktar dewmien bla bżonn għaliex ikollu jipproponu proċeduri oħra sabiex jingħata rimedju effettiv. Dan meta diġa` hemm ġudikat li f'dan il-każ hemm dewmien żejjed fis-smigħ talproċeduri;*
>
> *Mgħandux ikun li referenza kostituzzjonali tissarraf biss f'eżerċizzju purament akkademiku. Lanqas ma huwa fl-interess talaħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja li minħabba raġunijiet purament proċedurali, imputat li diġa` qiegħed isofri leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jispiċċa jkollu jagħmel proċeduri oħra sabiex jingħata rimedju effettiv għall-ksur tad-drittijiet tiegħu.*
>
> *Għalhekk, f'dan il-każ il-Qorti tqis li hu essenzjali li tingħata ordni li l-Ewwel Qorti tista' ssegwi. Wara kollox il-liġi stess tipprovdi li l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni "għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni", ċioe` d-deċiżjoni li tingħata fir-referenza."*

39. Din il-Qorti ma tarax li għandha żżid mal-insenjamenti ċitati. Mill-ġurisprudenza aktar riċenti ġie stabbilit illi l-Ewwel Qorti għandha d-dmir li tagħmel dawk l-osservazzjonijiet u anke tagħti dawk ir-rimedji opportuni sabiex il-leżjoni riskontrata ma tibqax fis-seħħ.[3]

40. Għal dawn il-motivi tiċħad dana l-aggravju ukoll.

*It-Tielet Aggravju*

41. Permezz tat-tielet aggravju, li huwa ukoll konness ma' dak ta' qablu, l-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti *se mai* kellha tħalli f'idejn il-

---

[3] Ara Il-***Pulizija vs Silvio Zammit u*** Malcolm Said v. Avukat Ġenerali mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016

Qorti tal-Maġistrati sabiex tirregola ruħha fid-dawl ta' dikjarazzjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali, b'dana illi r-rimedju impost mill-Ewwel Qorti fejn ordnat lill-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha fi żmien erba' (4) xhur huwa irraġonevoli. Jaffermaw illi għandha tkun il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li tiddeċiedi kif l-aħjar li jitkomplew il-proċeduri kriminali pendenti kontra Pace. L-appellanti jsostnu illi l-prosekuzzjoni hija tenuta tipprova l-każ tagħha sal-grad taċ-ċertezza morali mingħajr dubju dettat mir-raġuni u għalhekk m'għandux ikun hemm impożizzjoni sabiex il-provi jingħalqu meta huwa evidenti li fadal x'jinstema' xhud fondamentali ieħor. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet skoretta meta ordnat li l-provi tal-prosekuzzjoni għandhom jingħalqu fi żmien erba' xhur u li *se mai* kellha tiċċensura l-aġir ta' Pace, li bħal Roderick Borg għażel li jtawwlu l-proċeduri penali billi intavolaw kawżi kostituzzjonali jew referenzi kostituzzjonali.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

42. Il-Qorti tosserva illi l-Ewwel Qorti fil-każ odjern, effettivament imxiet ma' dak ordnat f' *Tarcisjo Mifsud*, fejn il-prosekuzzjoni ġiet ordnata illi tagħlaq il-provi tagħha fi żmien erba' (4) xhur mid-data tal-provvediment, pożizzjoni li kienet ukoll addottata mill-Ewwel Qorti f'***Francis Portelli u Anthony Cassar v. Avukat Ġenerali.***

43. B'referenza għal dak sottomess mill-appellanti, illi jekk kellu jiġi attribwit xi tort lil xi parti mill-Ewwel Qorti dan kellu jkun attribwit lil Pace u Borg li qiegħdin jtawwlu l-proċeduri penali fil-konfront tagħhom, tosserva illi l-Ewwel Qorti ma attribwiet l-ebda tort lill-appellanti, tant illi tenniet is-segwenti:

> *"Il-Qorti tifhem u tapprezza d-diffikulta' li qed tirriskontra l-Avukat Ġenerali fir-rigward. L-insistenza tagħha sabiex jixhed Roderick Borg fil-każ kontra Patrick Pace la hi kapriċċuża u lanqas fiergha imma bbażata fuq il-konvinzjoni tagħha kif tirriżulta mill-atti illi fl-eventwalita' li Roderick Borg ma jilħaqx jixhed f'dawk il-proċeduri kontra Patrick Pace jista' jkun li l-każ ma jkunx b'saħħtu biżżejjed sabiex iwassal għall-kundanna. Dan jista' jkun kollu minnu.*
>
> *Pero' huwa daqstant ieħor minnu illi l-kumpilazzjoni kontra Patrick Pace ma tistax tibqa' wieqfa indefinittivament bit-tama li xi darba jixhed Roderick Borg wara li f'xi żmien mhux magħruf ma jkunx hemm aktar proċeduri pendenti kontra Borg."*

44. Il-fattispeci tal-każ huma simili għal dawk f' ***Tarcisju Mifsud*** b'dana illi sabiex l-appellat jottjeni xi forma ta' rimedju xieraq kien ikun inutli li l-Ewwel Qorti tirrinvinija l-atti lill-Qorti referenti b'semplici dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni ta' dritt fundamentali mingħajr ebda ordni oħra. Li kieku l-Ewwel Qorti ħadet din id-direzzjoni, dan kien ifisser biss illi Pace kien ikollu jipproponi proċeduri ulterjuri sabiex jingħata rimedju effettiv. Lanqas ma hemm indikazzjoni ta' meta u jekk Borg effettivament huwiex ser jixhed fil-proċeduri kontra Pace. Għalhekk bħal fil-każ ta' Tarcisju Mifsud, f'dan il-każ ukoll il-Qorti tqis li hu essenzjali li jingħata ordni li l-Ewwel Qorti tkun tista' ssegwi.

45. Għalhekk dana l-aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjez ta’ dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.

Tilqa’ l-eċċezzjoni ta’ nullità tal-appell ta’ Patrick Pace u tiddikjara li l-istess hu null bl-ispejjeż a karigu tiegħu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da